MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Luciano Cassar
vs
Chairman Bank of Valletta Limited, CGMO, Ministeru tas-Sahha

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1988 huwa sofra ingustizzja f'li gie meqjus bhala haddiem irregolari mal-Bank of Valletta u gie trasferit ghal ma l-iskema ta' l-Awziljari.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal jahdem mal-Bank of Valleta f'Mejju tal-1987 u kien assenjat jaghmel xoghol ta' manutenzjoni.

Fl-1988 kien gie informat li huwa kien meqjus bhala haddiem “casual”.

Ftit taz-zmien wara, huwa kien gie trasferit ghall-Headquarters tal-AWTS Hal-Far. Hemmhekk huwa kien assenjat jaghmel xoghol ta’ manutenzjoni.

Fl-1992 huwa gie infurmat li kien inghata hatra permanenti mal-Gvern u gie trasferit ghal mad-Dipartiment tas-Sahha u assenjat id-Dar ta’ l-Anzjani, il-Furjana. Billi huwa kellu s-sengha u certifikati ta’ Kok, gie mqabbad jaghmel ix-xoghol ta’ Kok.

Ta’ min isemmi li ta’ dan ix-xoghol tas-sengha li kien gie mqabbad jaghmel, huwa qatt ma thallas jew inghata kumpens u kien jithallas ta’ Labourer. Kull darba li huwa ressaq l-ilment tieghu lid-Dipartiment, dejjem qalulu li daqt jigi appuntat bhala Kok izda qatt ma sar.

Ghaldaqstant hass li huwa gie diskriminat f’li gie mtellef l-impieg tieghu minn mal-Bank of Valletta ingustament u li minhabba f’hekk sofra danni finanzjarji il ghaliex li kieku baqa’ mal-Bank of Valletta kien igawdi minn ziediet li bbenefikaw ghalihom dawk kollha li dahlu jahdmu l-Bank mieghu u baqghu hemm kif ukoll li gie mgieghel jaghmel xoghol ta’ sengha minghajr ma thallas tieghu.
Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata lura l-impjieg li kellu mal-Bank of Valleta u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li huwa sofra u gie mtellef ingustament skond kif tiddeciedi l-Qorti jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000 jew dak l-ammont li jordna t-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tac-Chairman Bank of Valletta Limited li eccepixxa:

Illi fit-23 ta' Ottubru 1997 ir-rikorrent Luciano Cassar ipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, billi ssottometta li hu kien gie impjegat mal-Bank of Valletta fl-1 ta' Mejju 1987 bhala ***labourer*** mal-***maintenance crew*** fiz-zmien li ghamel jahdem il-Bank of Valletta hu dejjem ghamel xoghlu kif suppost u bl-akbar lealta` lejn il-Bank, pero` mal-bidla fil-Gvern, ezatt ftit xhur wara, fl-1988 hu kien gie meqjus bhala haddiem irregolari u mibghut mal-Awziljarji. Fl-1992 hu gie mgharraf li l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta kien spicca.
Illi huwa sostna li fiz-zmien li ghamel jahdem mal-Bank of Valletta huwa qatt ma thallas iz-zidiet u l-beneficcji kollha li kienu jgawdu haddiema ohra li kienu jahdmu mal-Bank of Valletta.

Illi r-rikorrent ghaldaqstant talab illi dan it-Tribunal joghgbu jordna li jerga' jinghata x-xoghol li kellu mal-Bank of Valletta u jiehu s-***seniority*** kollha li kien tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens fl-ammont tal-flus li tilef meta ma nghatax il-beneficcji bhal shabu li kienu jahdmu fil-Bank of Valletta.

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad li r-rikorrent Luciano Cassar kien gie impjegat fl-1 ta' Mejju 1987 mal-Bank of Valletta Limited bi ksur manifest tal-artiklu 12 ta' l-Att dwar is-Servizz ta' l-Impjiegi 1955 u l-Artiklu 113 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li fihom kien stipulat li impieg ta' nies ma kwalunkwe kumpanija li fiha l-Gvern ta' Malta ghandu qasam ta' kontroll ghandu sakemm l-impieg ma jinghatax wara ezami pubbliku li kien b'avviz jinghata mill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig.

Illi kien gie stabbilit li minhabba li dak iz-zmien il-Bank kien jaqa' taht ir-responsabbilita` tal-Minsiteru tal-Finanzi impieg godda ghandhom jigu mmexxija mill-Bank Centrali ta' Malta. Il-procedura adottata matul dak iz-zmien kienet

li l-Bank jinfurmaw lill-Bank Centrali ta' Malta bil-htiega ta' impjegati godda u jiddependi mill-kategorija jew kienu jigu intervistati l-applikanti mibghuta mill-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig jew jigu organizzati ezamijiet pubblici illi ghalhekk l-istess rikorrent Luciano Cassar flimkien ma' 167 persuna ohra kienu iddahhlu l-Bank b'mod totalment illegali u irregolari ftit qabel l-elezzjonijiet ta' 1987.

Illi f'Ottubru 1987 il-Gvern u t-Trade Unions, inkluza l-General Workers' Union li taghha kien membru l-istess rikorrent u dan minn qabel ma nghata l-impieg mal-Bank of Valletta Ltd. kif jirrizulta minn "Check Off Authorisation Form" datata 30 ta' April 1997 annessa mar-risposta u markata bhala Dokument "A" ghamlu diversi laqghat li minnhom intlahaq ftehim fid-9 ta' Ottubru 1987.

Illi skond dan il-ftehim il-Unions intalbu biex jaghmlu lista ta' dawk l-impjegati mal-Gvern u l-Parastatali (inkluz il-Bank of Valletta) li kienu nstabu li gew impjegati irregolarment. Dawn l-impjegati irregolari gew meqjusa bhala kazwali li kellhom jibqghu hemm sakemm jinghataw impieg permanenti u skond dan il-ftehim dawn l-impjegati kazwali kellhom izommu s-salarju li kellhom dak iz-zmien li l-kundizzjonijiet ohrajn li kellhom bhala garantit.

Illi b'rizultat ta' dan il-ftehim bejn il-Gvern u l-Unions gie mwaqqaf Kumitat ta' verifika li kien jinkludi bhala membri, id-Direttur tax-Xoghol u ufficjali tal-Unions. Lejn nofs April ta' l-1988 il-Bank ircieva ittra mis-Sur E. Cilia Debono, Direttur tax-Xoghol precizament fil-11 ta' April 1988 fejn hu ghamel lista ta numru sostanzjali ta' persuni li kienu dak iz-zmien fuq il-kotba tal-bank inkluz l-istanti rikorrent, li kienu meqjusin bhala kazwali fit-termini tal-ftehim datat 9 ta' Ottubru 1987. Peress li dawk kollha impjegati irregolarment fil-gradi non-klerikali kienu ferm aktar milli kienu mehtiega tenut kont partikolarment illi l-Bank huwa intrinsikament ***a white collar institution*** il-Bank iddiskuta diversi drabi mal-Gvern sabiex inaqqaslu l-piz ta' l-impjegati non-klerikali li kienu dak iz-zmien globalment 390 impjegat, li kienu qed jiswew lill-Bank xejn anqas minn Lm18,000 fix-xahar f'salarji;

Illi wara diskussjonijiet bejn il-Ministeru tal-Politika Socjali u l-General Workers' Union hafna impjegati kazwali fuq il-kotba tal-Bank fil-kategoriji ta' ***tradesmen, skilled labourers u labourers,*** li kienu identifikati mill-Kumitat tal-Verifika kien trasferiti ghax-xoghol mal-AWTS b'effett mix-xahar ta' Gunju 1988 u bi ftehim mal-Ministru tal-Politika Socjali, il-hlas tas-salarju kellu jsir mill-Bank u jigi mhallas lura mill-Gvern, kif irrizulta mill-korrispondenza annessa mar-risposta u mmarkata Dokument "B". Ta min jinnota li dawn l-impjegati kazwali filwaqt li ma kienux jigu moghtija zidiet fis-salarji, kienu jithallsu bl-istess mod li kien jithallas kull imjegat iehor kazwali li kienu parti ta' l-AWTS xejn aktar u xejn anqas.

Illi f'Dicembru 1992 permezz ta' zewg ittri mid-Direttur Management and Personnel Office, fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru datati 15 ta' Dicembru 1992 ic-Chairman tal-Bank gie nfurmat li mal-policy tal-Gvern li jinghata impieg permanenti lin-nies impjegati irregolari kollha u 91 persuna originarjament impjegati fuq bazi kazwali mal-Bank kienu ser jigu impjegati b'mod permanenti mas-Servizzi tal-Gvern b'ittra ta' impieg b'effett mill-1 ta' Jannar 1992. Fil-fatt l-impjegati koncernati gew infurmati b'din id-decizjoni u gew maqtugha minn fuq il-kotba tal-Bank fil-15 ta' Dicembru 1991, u dan skond ittra annessa mar-risposta u mmarkata bhala Dokument "C".

Illi ghandu jinghad illi l-istess rikorrent kien membru effettiv tal-General Workers' Union liema Union tul id-diskussjonijiet kollha fuq imsemmija kif ukoll f'kull ftehim li dahlet fih l-istess Union kienet qedha tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza tal-membri taghha li naturalment kien jinkludi l-istess rikorrent li kien membru taghha sahansitra minn gurnata qabel li nghata l-impieg mal-Bank of Valletta Limited.

Illi ghalhekk il-GWU kienet qeda tiftiehem ghall-istess rikorrent li tul dan iz-zmien kollu qatt ma kien ha ebda pass miftuh lilu mil-ligi sabiex jikkontesta sija ebda azzjoni mehuda mill-istess Bank of Valletta u sija mill-Union li kienet qeghda tirrapprezenta ma' ohrajn l-interessi ta' l-istess rikorrent.

Illi ghalhekk jidher gust u ekwu f'dan l-istadju li l-istess General Workers' Union ghandha tigi kjamata in kawza.

Illi filwaqt li huwa veru li l-istess rikorrent ma kienx qieghed jircievi l-istess struttura ta' salarji bhal dik ta' impjegati permanenti, huwa veru wkoll li r-rikorrent kien qieghed jircievi salarju u beneficcji identici ghal dak li kienu qed jircievu shabu l-impjegati irregolari u hawn ma kenitx qieghda ssir ebda forma ta' distinzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

Illi l-Artiklu 6(1) ta' Att VIII tal-1997 dwar it-twaqqif ta' Tibunal ghas-smiegh ta' ilmenti ta' certi ingustizzji li graw bejn l-1987 u l-1995 jirrizulta dan li gej:

***It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment li jsir minn persuna li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih jew ta' xi…***

Illi mill-fatti sejjer jirrizulta li r-rikorrent la saritlu ingustizzja u lanqas bl-ebda mod ma saritlu ***xi distinzjoni eskluzjoni jew preferenza indebita,*** tul l-impieg tieghu mal-Bank of Valletta Ltd.

Illi ghaldaqstant, l-intimati Bank of Valletta Limited talbu lit-Tribunal sabiex jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi fl-intier taghhom u jillibera lill-istess intimati mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi meta r-rikorrent kien ntbaghat jahdem id-Dar ta' l-Anzjani l-Furjana, huwa kien jokkupa l-kariga ta' Labourer, Grupp A u meta gie mqabbad jaghmel xoghol ta' Kok huwa qatt ma rrifjuta jew oggezzjona.

Illi huwa qatt ma seta jigi appuntat Kok mad-Dipartiment tas-Sahha stante illi l-hatriet ta' persuni mal-Gvern isiru biss mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara li jkunu gew segwiti r-rekwiziti procedurali kollha.

Ghaldaqstant l-intimat filwaqt li jgib il-premess a formali konjizzjoni ta' Luciano Cassar, talab lit-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit u qal li hu kien impjegat mal-Bank of Valletta bhala Labourer bejn l-1986 u l-1988. Il-Bank kien iddecieda li jnehhieh peress li qal li kien irregolari u gie trasferit mal-Awziljari u minn hemm poggewh fid-dar ta' l-anzjani il-Furjana, Malta. Hemmhekk kien jaghmel xoghol ta' Kok (u cioe` bhala tradesman) ghalkemm baqa' jithallas bhala Labourer. Sostna li bejn l-1987 u l-1995 ghalkemm kien jaghmel xoghol ta' Tradesman li huwa grad jew tnejn 'il fuq mill-grad ta' Labourer li kellu hu, hu baqa' jinghata l-paga ta' Labourer. Hu kien kiteb lill-awtoritajiet dwar dan, u qal li anke l-GWU kienet kitbet fuq dan is-suggett.

In kontro ezami r-rikorrent ikkonferma li hu kien membru tal-GWU qabel ma dahal il-bank u kien ghadu membru anke meta xehed. Qal li kien jaf bil-ftehim li sar bejn il-GWU u l-Gvern fl-1987 u huma bdew jissejhu bhala casuals u jekk ma jibqghux mal-bank kellhom jintbaghtu mal-Awziljari. Sostna li kien kellem lis-Sur Pace biex hu

jinghata d-differenza fil-paga bejn Tradesman u Labourer izda din ma nghatatlux.

Qabel ma dahal mal-bank qal li hu kien jirregistra u kienu baghtu ghalih minn fejn kien jirregistra biex jidhol mal-bank. Qal li biex dahal mal-bank kien ghamel interview.

Kien anke ghamel ezami l-Cookery School biex isir Kok u m' ghaddiex. Imbaghad ghamel kors l-ITS u ghadda. Hu kien sar Kok fl-ahhar tliet snin li kien jahdem.

Xehed Joe Cassar Naudi li rtira fl-1987. Qal li jiftakar lir-rikorrent jahdem fid-Dar tal-Anzjani tal-Furjana. Zied li kien kuntent hafna bix-xoghol tar-rikorrent. Ikkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' Kok u kien jithallas ta' Labourer.

Xehed Tonio Naudi li qal li meta kien fil-grad ta' Officer in Charge Homes ftakar lir-rikorrent jahdem hemmhekk jaghmel ix-xoghol ta' Kok. Kompla jghid li sakemm dam hemmhekk ma kellu xejn x' jilmenta mix-xoghol tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent kien qallu li qed jaghmel xoghol ta' Kok u jithallas ta' Labourer.

Xehed Frans Fenech Officer in Charge fid-Dipartiment tas-Sahha fl-1992. Qal li jiftakar lir-rikorrent jahdem fid-Dar tal-Anzjani fil-Furjana bhala Kok fil-kcina. Ir-rikorrent kien fil-grad ta' Labourer.

Xehed Hubert Caruana li kien Assistant Manager fl-1995 u semma li lir-rikorrent jafu. Zied li kien hemm il-Verification Committee li kella l-inkarigu li tara numru ta` nies l-impjieg taghhom kienx regolari jew le u fil-kaz tar-rikorrent kienu sabu li dan kien irregolari u spicca fuq il-lista. Il-Verification Committee ma kienx tqabbad biss mill-Bank of Valletta izda lill-Bank kienu tawghhom biss ir-rizultat. Fil-kaz ta` Mckay dan instab fuq din il-lista u spicca mal-AWTS. Fl-1990 dawk li kienu klerikali il-Gvern kien iddecieda li jaghtihom il-post bhala regolari u dan minhabba l-fatt li kienu servew certu zmien u kif ukoll peress li kellu bzonnhom u ghalhekk wara li mela r-requirements necessarji fil-fatt zammhom. Dan dejjem fil-

kaz tal-klerikali. Fil-kaz ta` dawk li kienu handymen u maintenance u dawn l-affarijiet kien hemm id-decizjoni li jigu trasferiti ghall-AWTS. Ir-raguni ta` dan kienet li per ezempju dwar maintenance l-Bank ma kellux bzonn dawn it-tip ta` nies.

Rene` Formosa li bejn l-1987 u l-1995 kellu l-kariga ta` General Manager mal-Bank of Valletta semma li meta sar General Manager f` Settembru tal-1987 sab ir-report tal-Verification Committee gja lest. Bejn Ottubru 1986 u Mejju 1987 kienu gew impjegati 567 nies. Clericals kien hemm 283 waqt li non clericals kien hemm 284 u li flimkien ghalhekk jaghmlu 567. Minn dan kien hareg li 168 kienu irregolari. Minn 168 li kienu nstabu irregolari 82 minnhom il-bank kien zammhom u dan specjalment minhabba l-fatt li kienu f`kategoriji fejn il-bank hekk jew b`hekk kellu bzonn dawn in-nies u ghalhekk ghamel proceduri biex dawn jigu regolarizzati bhal mal-Labour Office u hekk u allura dawn saru regolari. Dawk li kienu jaqghu fil-kategorija bhal ma huma clerks, messaggiera u cleaners, dawn kollha kemm huma malli kienu fil-kategorija gew imdahhla minghajr ebda diskriminazzjoni.

Zied li dwar maintenance l-bank ma tantx ikollu bzonn nies minhabba l-fatt li l-bank essenzjalment huwa white collar worker institution u allura aktar l-iskrivani li jkun hemm bzonn tagghom. Naturalment ma` certu ammont ta` skrivani trid numru ta` messaggiera u charwomen.

Cilia Debono li kien Direttur tax-Xoghol semma li dak iz-zmien kull persuna li kienet tidhol ghax-xoghol necessarjament kien ikollha workbook u inoltre suppost il-procedura kienet li meta jsir impjieg kemm mill-Gvern kif ukoll minn korpi parastatali kien ikun hemm il-procedura li l-ewwel jigi nfurmat d-Dipartiment tax-Xoghol u jibghatu n-nies skond l-ordni ta` registrazzjoni li jkunu dahlu fiha u skond l-istess talba.

Fil-fatt kien irrizulta li numru ta` impjegati gew impjegati b` mod irregolari. Kien inhatar kumitat ta` verifika. Il-Bank of Valletta kienet wahda minn dawn il-kumpaniji li kellha l-

majority shareholding tal-Gvern u li ghalhekk suppost kienet timxi b` dawn ir-regolamenti.

Fil-fatt kien gie mahtur Kumitat ta` Verifika li kien kompost mis-Sur George Borg Cardona li kien ic-chairman tal-kumitat, minn Dr. Borg Barthet li dak iz-zmien kien id-Deputy A.G. kif ukoll mis-Sur Jack Calamatta u s-Sur Joseph Fino ghall-General Workers' Union u ghas-CMTU s-Sur Alfred Buhagiar u s-Sur Maurice Agius.

Fil-ftehim in-nies li kienu impjegati bhala irregolari kellhom jitqiesu bhala "casuals" u li jidhlu f' impjieg, dak iz-zmien kien hemm il-hsieb ta` korp tal-Awziljari u jkunu fih sakemm jinstabilhom impjieg b` mod permanenti.

Semma li meta spiccaw l-Awziljari fl-1992 kienu talbu lill-Bank biex hu jzommhom mieghu kif fil-fatt effettivament ghamel. Kien hemm numru sostanzjali li baqa` mal-Bank u numru sostanzjali li mar mal-Awziljari. Dawk li kelhom xi trade kien zammhom il-Bank.
Alfred Fiorini Lowell xehed li kien involut fil-kwistjoni tal-haddiema awziljarji ghal numru ta' snin. Semma li l-ewwel kien hemm agreement mal-GWU u ftehim parallel ma' l-UHM, li kien fid-9 ta' Ottubru 1987. Wara ghall-habta ta' l-1991 u 1992 kien sar agreement dwar il-haddiema awziljari u dawk meqjusa irregolari biex dawn jigu ngaggati mal-Gvern. Hu kien involut ukoll fit-tielet stadju meta kien segretarju permanenti mal-Ministeru ghar-rizorsi umani u edukazzjoni, u kienu saru f'dan l-istadju il-letters of appointment ghal dawk il-haddiema li kienu jahdmu mal-BOV, u fosthom ir-rikorrent.

Anglu Fenech xehed li fl-1987 l-Gvern ta` dak iz-zmien kien qal li kien hemm madwar 7999 haddiema li dahlu mal-kumpaniji parastatali fejn il-Gvern ghandu kontroll effettiv u dan kien qal li ma dahlux skond il-Kostituzzjoni ghaliex il-Kostituzzjoni kienet tghid jew "call for applications" jew inkella "public examination" jew mill-"Labour Office" biex jidhlu, u kien hemm tilwima industrijali kbira li l-GWU bhala union ma accettatx li dawn il-haddiema jitkeccew. Wara diversi laqghat twal u intensivi u azzjonijiet industrijali kien sar sar qbil mal-Prim Ministru

ta` dak inhar li huwa l-Prim Ministru tal-lum li dawn il-haddiema kollha msemmija fil-lista li kien ta l-Labour Office, ghandhom jitqiesu bhala casuals permanenti pero` jzommu l-paga u l-kundizzjonijiet li ghandhom, jibqghu fuq il-kotba tal-azjenda li kienu impjegati fiha pero` jkunu flessibbli li jaghmlu xoghol analogu mal-grad tagghom. Fil-fatt wara xi sentejn u nofs, tlieta, il-maggoranza kbira kwazi assoluta taghhom gew impjegati jew mal-Gvern jew mal-korpi parastatali. Il-ftehim kien jinkludi wkoll l-impjegati tal-Bank of Valletta. Semma li f'Awissu tal-1987 kien baghat ghalih Dr. Joe Fenech li kien Segretarju Parlamentari li kien inkarigat mill-Air Malta u kien qallu "isma hemm haddiema li dahlu ftit gimghat qabel l-elezzjoni mal-Air Supplies", minn hemm qamet din, qalli "dawn meqjusa irregolari". Dak in-nhar ma kien jaf xejn. Kien qallu "dawn mhux skond il-ligi u jridu jitkeccew", u naturalment hu irrispondih li "din mhix accettabbnli ghall-union". Imbaghad saret kummissjoni, maghruf bhala Kumitat tal-Verifika, li investigat diversi aspetti. Il-ftehim kien li dawk il-haddiema huma casuals, u bl-idea li malli jkun hemm il-vacancies mal-parastatali u mal-gvern dawn kellhom isiru permanenti u fil-fatt hekk sar. Il-casuals kellhom id-drittijiet kollha normali tal-haddiema fis-sens ta` allowances, pagi u kollox.

Louis Borg semma li kien jahdem fl-istess workshop mar-rikorrent. F'Mejju 1987 wara l-elezzjoni generali tefghuhom ma' l-Awziljari, izda ghal sena kienu jithallsu mill-Bank.

**KONKLUZJONIJIET:**
Fil-kawza fl-ismijiet Anthony Montebello vs Ministeru tat-Turizmu et deciza fis-7 ta' Frar 2002 it-Tribunal qal:

"Illi ghalhekk jirrizulta li ftit qabel l-elezzjoni tal-1987 numru konsiderevoli ta' nies (fosthom ir-rikorrenti) gew impjegati mal-Mediterranean Conference Centre u dan fuq sempliciment rakkomandazzjoni u interview minghajr ma kienu hargu applikazzjonijiet, minghajr hatra formali ta' xi bord ghall-interviews u minghajr proceduri li solitu jsiru. Dawn fil-fatt kienu ghal zmien twil kunsidrati bhala

haddiema irregolari mal-Gvern u kienu jithallsu mit-Tezor…

u fl-1 ta’ Marzu, 1993 harget cirkolari mill-Ufficju tal-Prim Ministru li fl-ewwel paragrafu qalet:

“In conformity with government policy as announced in the Budget Speech for 1992, all employees irregularly employed prior to 10th May 1987 were to be offered permanent employment with Government in Group A of the Industrial Grades with effect from 1st January, 1992…

Ikkunsidra li l-Artikolu 110 subartikolu 6 tal-Kostituzzjoni jghid li:

“Dhul f’ impiegi ma’ kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b’ xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma’ kull socjeta` jew korp iehor li fih il-Gvern ta’ Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta’ dan l-artikolu.

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrenti sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrenti xejn ma kienet sabiha u nies bhalu kienu f’ pozizzjoni kompletament fluwida…”

It-Tribunal jixtieq jikkwota minn sentenza ohra moghtija minnu fit-22 ta’ Novembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta et fejn qal:

“Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta'

l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136." …

Kien intlahaq ftehim bejn il-Gvern u l-General Workers Union fid-9 ta' Ottubru, 1987 li permezz tieghu dawk il-haddiema li gew impjegati irregolarment kellhom jigu stabbiliti kaz kaz min huma mal-Unions. Dawn il-haddiema kellhom:

- jitqiesu bhala "casuals" u jibqghu hekk kunsidrati sakemm jinghataw xoghol permanenti;
- sakemm jinghatw dan ix-xoghol ikunu flessibbli…
- ix-xoghol permanenti jinghata jew fis-settur li jaqa' taht il-kontroll tal-Gvern jew fis-settur privat, skond kif jaghzel l-individwu;
- il-haddiema jikkonkorru ma' min qieghed jirregistra.

Ghal dawn il-motivi r-rikorrent ma jistax jezercita d-drittijiet kontra l-bank meta effettivament hu kien dahal jahdem kontra dak li tghid il-Kostituzzjoni u b' mod irregolari sempliciment ghax persuna li kienet harget ghall-elezzjoni qabdet u dahhlitu minghajr ma kellha l-jedd taghmel dan. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Bank of Valletta.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll mill-fatt illi ghalkemm hu ghal zmien twil ghamel xoghol ta' Kok hu baqa' meqjus u jithallas ta' Labourer meta kien jahdem fid-Dar tal-Anzjani. Irrizulta li r-rikorrent kien gie impjegat l-ewwel darba mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1992 u bhala parti mir-riforma tas-Servizz Pubbliku hu kien gie assimilat ghal General Hand (Skala 19) b' sehh mill-1 ta' Jannar 1994 u fil-11 ta' Lulju 1994 gie assimilat fil-grad ta' Assistant Care Worker. Ir-rikorrent jilmenta hu ma thallasx ta' dak li suppost u li qatt ma nghata l-grad ta' Kok. Issa fil-fatt ma kienux hargu applikazzjonijiet ghal Kok u r-rikorrent inqabez u

ghalhekk certament in vista tal-fatt li biex persuna tigi appuntata Kok u cioe` jkollha hatra gdida mal-Gvern din normalmanent tista’ ssir mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku wara li jkunu gew segwiti r-rekwiziti procedurali kollha. Ma rrizultax li qatt hargu applikazzjonijiet jew saru interviews ghall-grad ta’ Kok u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jilmenta li saret ingustizzja mieghu dwar dan il-grad. Anqas ma jista’ t-Tribunal jirrikmanda hlas ta’ kumpens lir-rikorrent ghal xoghol superjuri ghax din it-Tribunal jista’ jaghmilha biss meta tkun konnessa ma’ nuqqas ta’ hatra li kellha ssir u li sadanittant ir-rikorrent ikun ghamel xoghol superjuri. F’ dan il-kaz ma hemmx kaz ta’ nuqqas ta’ hatra ghax l-applikazzjoni qatt ma harget u anqas giet mizmuma milli tohrog ghal xi skop irregolari.

Bl-istess kriterju l-Ministru tas-Sahha mhux responsabbli lejn ir-rikorrent bhal kif mhux responsabbli t-tabib Principali tal-Gvern izda jinghad ukoll li fi kwalunkwe kaz il-Ministru tas-Sahha ma jista’ qatt jinsab responsabbli ghall-ilment tar-rikorrent ghax skond l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 “Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.” Ghalhekk certament il-kawza qatt ma messha giet istitwita kontra l-Ministru tas-Sahha izda biss kontra t-Tabib Principali tal-Gvern. [ara wkoll Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta’ Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tas-Sahha.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li dwar l-ahhar aspett it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------